**Qorti tal-Appell Kriminali**

Onor. Imhallef Giovanni M Grixti LL.M., LL.D

Appell Nru. 19/2016

**Il-Pulizija**

**vs**

**Adam Saliba**

Seduta tad-29 ta' Ottubru, 2020

Il-Qorti;

Rat ir-rikors tal-appell ta' Adam Saliba, detentur tal-karta tal-identita' Maltija bin-numru 502791M minn sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli quddiemha kien mixli talli fit-28 ta' Settembru 2014 ghall-habta ta' 12:00hrs u fil-hin ta' qabel fl-inhawi ta' San Tumas, M'Scala:

1) Saq opra tal-bahar meta zamm abbord bastiment tas-sajd, fl-ibhra tas-sajd, zamm jew halla li jinzamm hut u dan bi ksur ta' Kap 425 Art 13;

2) Aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi ghamel uzu minn ghodod tas-sajd minghajr licenzja tal-Awtorita' kompetenti u dan bi ksur L.S. 452.01 Reg 2, 3, 13;

3) Aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi meta kull persuna li tikser xi restrizzjoni jew obbligu dwar is-sajd fil-bahar f'xi wahda mill-kontravenzjoni li ghaliha tapplika din l-ordni tkun hatja ta' reat kontra l-att meta l-bastiment tas-sajd ikun minghajr awtorizzazzjoni u/jew il-kaptan jew is-sid tal-bastiment tas-sajd ikun stad matul stagun maghluq u dan bi ksur ta' L.S. 425.08 Reg 4, Para 6 (c)(g)

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, tat-13 ta' Jannar, 2016 li biha sabet lill-imputat Adam Saliba hati tal-ewwel imputazzjoni u kkundannatu ghal multa ta' hamest elef ewro (€5,000) filwaqt li ma sabitux hati tat-tieni u t-tielet imputazzjoni u ghaldaqstant illiberatu minnhom;

Rat ir-rikors ta' Adam Saliba, pprezentat fir-registru ta' din il-Qorti fit-22 ta' Jannar, 2016, li bih talab lil din il-Qorti **tvarja u timmodifika** l-istess sentenza billi tikkonfermaha inkwantu l-esponent kien illiberat minn dawk l-akkuzi [recte: imputazzjonijiet] fejn ma instabx hati [igifieri it-tieni u t-tielet imputazzjoni] u tvarjha inkwantu sabitu hati tal-ewwel imputazzjoni u minnha tilliberah minn kull piena u imputazzjoni;

Rat l-aggravji tal-appellant;

Semghet ix-xhieda;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha;

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti;

Ikkunsidrat:

1. Illi l-fatti ta' dan il-kaz jirrigwardaw qabda ta' Tonn fl-ammont ta' hames bicciet li ttellghu l-art mill-imputat li kien fil-kumpanija ta' zewg persuni ohra u intercettat mill-awtoritajiet wara informazzjoni anonima li kien qed isir xi sajd illegali waqt stagun mghaluq ghal-qabda tat-Tonn.

2. Illi l-appellant jillanja s-sentenza appellata bi gravami ta' natura legali kif ukoll dawk dwar l-apprezzament tal-provi. Qabel kull konsiderazzjoni ohra, izda, din il-Qorti qed tissolleva *ex officio* kwistjoni ta' possibbli nullita' tas-sentenza appellata ghar-raguni illi ghad li s-sentenza hija fl-ismijiet Il-Pulizija vs Adam Saliba, l-ewwel Qorti sabet htija kontra certu Saviour Sammut. B'hekk jirrizulta illi l-ewwel Qorti tat sentenza kontra persuna diversa minn dik imputata. Dan jirraviza nuqqas ta' formalita' essenzjali ghall-validita' tas-sentenza u konsegwentement qed tiddikjara s-sentenza appellata bhala nulla u bla effett;

3. Illi dikjarazzjoni ta' nullita' ta' sentenza, iggib maghha effetti li jvarjaw minn kawza ghall-ohra. L-ewwel wiehed hu li fit-termini tal-artikolu 428 (3) tal-Kodici Kriminali, din il-

Qorti tghaddi biex tiddeciedi **hi stess** il-kaz mill-gdid "*meta l-qorti superjuri ssib li nkisret jew li ma saritx xi formalita' li trid il-ligi taht piena ta' nullita, jew li tkun xort'ohra sostanzjali*". It-tieni konsegwenza hi li n-nullita' tas-sentenza taffettwa biss dik il-parti taghha fejn tkun instabet htija fejn allura tista' titqies bhala nullita' parzjali. Il-Qorti tal-Appell ghalhekk ma tergax tisma u tiddeciedi dwar dawk l-imputazzjonijiet li dwarhom ikun hemm liberatorja (ara sentenza citata **Karmenu Attard**) Inoltre, l-aggravji tal-appellant imbaghad jitqiesu bhala sottomissjonijiet fil-kawza (ara **Il-Pulizija vs Dr. Alfred Grech** [App Krim 10.09.07]). Finalment, meta tigi biex tiddeciedi l-mertu mill-gdid, din il-Qorti ma tkunx marbuta bis-subartikolu (7) tal-artikolu 428, jigifieri mal-piena erogata mill-ewwel Qorti u konsegwentement tista' zzid il-piena skond il-kaz. (ara **Il-Pulizija vs Joseph Farrugia** [App Kri 13.1.1995]);

4. Fil-kaz odjern, ghalhekk il-Qorti ser tghaddi biex taghmel konsiderazzjonijiet u tiddeciedi mill-gdid biss dwar l-ewwel imputazzjoni stante li l-imputat kien liberat mit-tieni u mit-tielet wahda;

5. Is-segwenti hi sintezi tax-xhieda mressqa mill-prosekuzzjoni u mill-imputat. Permezz ta' affidavit, **PS 1576** xehed illi kien acceda fuq d-Dahla ta' Marsascala fuq talba ta' ufficcjali tas-sajd. Hemm sab lill-imputat mizmum mill-ufficcjali u fil-pussess ta' hames tonniet b'rashom maqtugha. Kien tracca lis-sewwieq tad-dinghy involut u kellmu xi granet wara fl-Ghassa tal-Mosta;

6. **Omar Farrugia**, ufficcjal mid-dipartiment tas-Sajd xehed illi mitlub jaccedi l-Bajja ta' San Tumas ghaliex kien diehel xi hut illegalment. Hin minnhom hu u l-kollega tieghu lemhu *dinghy* celesti diehel bil-mod u li dan kien qed jirmonka xi haga. Wahda mill-persuni fuq id-*dinghy* qabzet il-bahar u d-dinghy baqa' diehel mal-moll u nizlet persuna ohra fuq il-moll, marret ghall-vettura u nizlitha fuq l-islipway filwaqt li l-persuna li qabzet il-bahar gibed mieghu dak li kien qed jingibed mid-dinghy. Dawn it-tnejn bdew jghabbu l-hut li kien Tonn filwaqt li d-dinghy hareg lura fuq il-bahar. L-ufficcjali kellu lil Adam Saliba li qalu li kien sid il-vettura filwaqt li l-persuna l-ohra li instemghet titkellem b'ilsien barrani ma rawhiex aktar. Ftit tal-hin id-dinghy rega' dahal, avvicinawh il-Pulizija izda rega' hareg 'l barra;

7. Omar Farrugia spjega li l-persuni fuq id-dinghy kienu tlieta, jigifieri wiehed li kien qed isuq, Adam Saliba u iehor li gibed it-Tonn lejn l-art. Kien hemm hames Tonniet b'rashom maqtugha u mnaddfa. Dak inhar kien hafna rih u aktar tard is-sewwieq tad-dinghy dahal b'familja fuq id-dinghy u kienu ukoll mitkellma;

8. **Gaetano Cassar**, ufficjal iehor tal-istess dipartiment xehed illi dakinhar meta l-istagun tat-Tonn kien mghaluq, marru fil-Bajja ta' San Tumas fuq informazzjoni li kellhom u madwar saghtejn u nofs u tliet sieghat li kienu fil-Bajja ta' San Tumas tfacca dinghy bi tlett minn nies fuqu li kien qed jigbed xi haga warajh. Wiehed minnhom qabez il-bahar, l-iehor telaq bid-dinghy u l-iehor mar igib il-vettura. Wara ftit rega' tfacca tad-dinghy u dakinhar kien ir-rih u daqsxejn tal-maltemp;

9. **Adam Saliba**, l-appellant, xehed illi dakinhar kien mar biex jipprova dinghy li certu Saviour kellu ghall-bejgh. Kien bahar qawwi u qal li hekk tista' tara jekk hux tajjeb jew le. Waqt li kienu fuq il-bahar sabu zewg bagi bi hbula maghqudin u tellawhom fuq id-dghajsa. Maghhom kien hemm habel u xi haga tleqq u malli gibduh raw li kien hemm hames hutiet mieghu li ghadu sal lum ma jafx x'inhuma. Iddeciedew li jkaxkru l-habel warajhom. Wara li kienu ppruvaw id-dinghy u sabiex ikollu aktar piz fid-dghajsa talab lill-Saviour biex itellghu persuna ohra maghhom, kien hemm pesuna barranija fuq il-moll, staqsewha jekk trid tmur maghhom u accettat. Wara dan sabu l-hbula kif spjegat qabel u malli waslu max-xatt, il-barrani qabez il-bahar peress illi kien bahar qawwi u ma riedux li l-habel jitghaqqad fl-iskrun. Is-sewwieq nizzel lill-imputat fuq il-moll u fuq id-dinghy telghet familja ta' erba' persuni li kienu miftiehmin biex jixtru dan id-dinghy;

10. L-imputat spjega kif mar rikeb fil-vettura tieghu u resaq lejn il-hut u lahaq tella tnejn minnhom u t-tlieta l-ohra kienu ghadhom fil-bahar meta gew fuqu tad-dipartiment, staqsewh x'ghamel u wiegeb li ma jafx x'ghamel ghaliex ma kienx jaf x'inhu bhala hut fejn qatt ma kien ra hut b'rashom maqtugha u spjegalhom kif kien mar dawra biex jipprova d-dinghy u li Saviour kien talbu iqieghed il-bagi u l-hbula mal-karru tal-karozza tieghu ghaliex dawk kien jigi bzonnhom. In kontro-ezami spjega li meta sabu l-hut kien qed jara jekk humhiex tajbin, "*ghax jien ma nafx*", kienu kollha haxix u hmieg minn barra, kollha alka tal-bahar u minn gewwa nodfa, rashom maqtugha u marbutin minn denbhom;

11. L-imputat jinnega li kienu huma li naddfu l-hut waqt li kienu barra fuq il-bahar. Jghid li ghalih ma kienitx taghmel differenza x'hut kien u li thassru mitluq wahdu. Mistoqsi mill-Qorti x'qies kien id-dinghy li kien intenzjonat biex jixtri jghid li xi sittax jew tmintax-il pied u ma jafx x'mutur ghandu.

12. Xehed ukoll **Joseph Sammut** li qal li dak inhar kien miftiehem biex imur jipprova dinghy bil-hsieb li jixtrieh u kien qieghed flimkien mal-mara u t-tfal. Kien bahar qawwi u ried jipruvah b'dawk il-kondizzjonijiet ghaliex dinghy ma tixtrihx f'bahar lixx. Malli telghu fuq id-dinghy xi hadd ghajjat lill-Saviour Sammut biex jghinu, huma telghu u telaq jigri 'l barra. Mar-ritorn taghhom mal-moll sab il-Pulizija ma' wiccu. Mitlub jispjega ghaliex harab jigri 'l barra jghid li ghaliex kien hemm dghajsa ohra barra l-bajja, kienet waqqfet il-barra hafna, pero' hawnhekk mhix cara ghal min jew ghal x'hiex kien qed jirreferi dan ix-xhud;

13. Flimkien ma' dawn id-deposizzjonijiet hemm dokumenti esebiti quddiem l-ewwel Qorti konsistenti f'okkorrenza u permess ghall-garr ta' armi tal-kacca. Hemm ukoll esebit ritratt ta' seba' hutiet shah u intatti spjanati mal-art li izda, hadd mix-xhieda ma ghamel referenza ghalihom. Fuq dan id-dokument hemm imnizzel "*Esebit mid-difiza*" u l-verbal tal-ewwel Qorti, "*Il-Prosekuzzjoni ezebiet id-dokumenti*" certament ma hu ta' ebda ghajnuna. Ghalhekk il-Qorti ma tistax tifhem ir-raguni ghaliex kien esebit dan ir-ritratt;

14. Fl-ewwel aggravju tieghu l-appellant jillanja illi ma jezistux l-elementi kollha tar-reat ravvizat fl-artikolu 13 tal-Kap 452 u l-provi ma kienux sufficjenti. Issa, fl-ewwel imputazzjoni, l-appellant hu mixli li saq opra tal-bahar u zamm abbord jew halla li jinzamm hut mittiehed mhux skond licenzja skond l-Att. Dan l-artikolu jipprovdi hekk:

15. Kaptan ma jistax, abbord bastiment tas-sajd, fl-ibhra tas-sajd, izomm jew ihalli li jinzamm hut li ma jkunx ittiehed skont licenzja tas-sajd provduta skond dan l-Att jew f'ammont li jiskorri dak li jippermettu r-regolamenti ghall-protezzjoni ta' *stocks* ta' hut. Tajjeb ghalhekk li ssir referenza ghal-artikolu li jaghti d-definizzjoni ta' Kaptan u ta' Bastiment tas-sajd. Il-Kelma "Kaptan" *tfisser, dwar bastiment tas-sajd, il-persuna li fil-mument ikollha l-kmand jew tkun inkarigata mill-hidma tas-sajd abbord il-bastiment.* "Bastiment tas-sajd", imbaghad *tfisser kull bastiment ta' liema daqs ikun u li jitmexxa b'xi mod li jkun li fil-mument ikun qed jintuza ghal hidma ta' sajd jew ghall-ipprocessar, hazna jew garr ta' hut jew ghal xi hidmiet (inkluz trasbord ta' hut) ancillari ghal dan, izda ma tinkludi ebda bastiment uzat ghall-garr ta' hut jew prodotti ta' hut bhala parti mill-merkanzija generali tieghu*;

16. Wiehed mill-argumenti mressqa mill-appellant ghal konsiderazzjoni ta' din il-Qorti, apparti li ma kellu l-ebda intenzjoni li jistad u li d-dinghy bl-ebda mod ma kienet attrezzat ghas-sajd wisq anqas f'dak il-maltemp, hu li ma jikwalifikax bhala Kaptan taht il-Kap 452. Issa, minn dak li semghet il-Qorti, l-imputat fl-ebda hin ma kellu l-kontroll tad-dinghy biex ikun sodisfatt l-element ravvizat f'dan ir-rejat.

Kull xhud, inkluz dawk tal-prosekuzzjoni, kkonfermaw li kien persuna ohra fil-kontroll tad-dinghy li dahal darbtejn fil-bajja, darba minnhom hareg jigri lura u rega' ghabba familja ta' erbgha min nies. L-imputat tnizzel fuq il-moll minn dan il-persuna li kellu l-kontroll tad-dinghy u kien x'kien li qed jaghmel l-imputat ma jistghax jitqies li ghamlu bhala il-"Kaptan" tal-bastiment;

17. L-allegat agir tal-imputat jista' jkun soggett ghad-diskussjoni dwar it-tieni u t-tielet imputazzjoni izda l-ewwel Qorti stranament lliberatu minn dawn l-imputazzjonijiet. Qed tghid stranament ghaliex dawn iz-zewg imputazzjonijijet huma komplimentari ghall-ewwel wahda bhala mezz ghall-fini u s-sejbien ta' htija f'ewwel imputazzjoni kien jimmerita konsiderazzjoni dwar it-tieni u t-tielet. L-allegat agir tal-imputat kien passibbli ghal-imputazzjoni diversa minn dik in disamina, naturalment jekk tirrizultax jew le hija kwistjoni ohra, izda mill-fatti kif esposti ghal-konsiderazzjoni ta' din il-Qorti ma kellux ikun imputat bi ksur tal-artikolu 13. Konsegwentement mhix qed issib htija fl-ewwel imputazzjoni;

18. Ghal dawn ir-ragunijiet, tiddisponi minn dan l-appell billi ma ssibx lill-imputat hati u tilliberah fuq l-ewwel imputazzjoni. Ma taghmel ebda provvediment dwar it-tieni u t-tielet imputazzjoni stante li gia kien liberat dwarhom mill-ewwel Qorti.